**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**Maġistrat**
**Dr. Charmaine Galea LL.D.**

**Rikors Numru: 324/21**
**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2052/2021**
**Fl-ismijiet:**
**Princess Holdings**
**Vs**
**Jose Bajada**

Illum 3 ta' Frar 2022.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Jose Bajada ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2021 fejn ai termini tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta isostni li l-ammont pretiż mis-soċjeta` intimata ġie mħallas kollu kif jidher mir-rendikont bankarju anness mar-rikors promutur. Għalhekk, ir-rikorrent isostni li qatt ma kien hemm raġuni valida għaliex jinħareġ Mandat kawtelatorju fil-konfront tiegħu;

Rat ir-risposta tas-soċjeta` intimata ippreżentata fis-7 ta' Jannar 2022 fejn opponiet għat-talba tar-rikorrent prinċipalment stante li r-rikorrent ma indikax taħt liema subinċiż tal-artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 kien qiegħed jintavola dan ir-rikors u li fi kwalunkwe każ ir-raġunijiet mressqa minnu ma jaqgħu taħt l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-imsemmi artikolu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti eżaminat l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta` intimata lir-rikorrenti, liema ittra ġiet ippreżentata fit-12 ta' Ottubru 2021 fejn talbitu jħallas l-import ta' sitt (6) kambjali b'valur ta' mitejn u għoxrin ewro (€220)-il waħda u dan riferibilment għal dawk il-kambjali li mmaturaw fis-17 ta' April 2021, 17 ta' Mejju 2021, 17 ta' Ġunju 2021, 17 ta' Lulju 2021, 17 ta' Awwissu 2021 u 17 ta' Settembru 2021.

Illi l-Qorti eżaminat ukoll ir-rendikont bankarju esebit mir-rikorrent li minnu jirriżulta illi huwa effettwa sitt (6) pagament permezz tal- 24x7 Mobile Pay lin-numru 99994660, kull wieħed ta' mitejn u għoxrin ewro (€220) fil-21 ta' April 2021, 31 ta' Mejju 2021, 30 ta' Ġunju 2021, 30 ta' Lulju 2021, 30 ta' Awwissu 2021 u 1 ta' Ottubru 2021.

Illi l-Qorti tinnota li abbinat ma' kull waħda mit-transazzjonijiet hawn fuq imsemmija hemm numru ta' vettura, u cioe` LQZ 130.

Illi għalkemm kif issottomettiet tajjeb is-soċjeta` intimata, ir-rikorrent ma indikax taħt liema subiniċiż tal-artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 qiegħed jintavola r-rikors tiegħu, din il-Qorti tqis illi huwa ċar biżżejjed li wieħed jifhem li r-rikors qiegħed jiġi intavolat taħt is-subinċiż (d), u cioe` li l-ammont reklamat mhux *prima facie* ġustifikat.

Illi wara li l-Qorti ikkunsidrat is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet, hija tal-fehma illi r-rikorrenti wera *prima facie* illi l-ammont reklamat ġie mħallas minnu kif muri fir-rendikont esebit.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u għaldaqstant:-

1. Tordna t-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat fit-12 ta' Ottubru 2021 bin-numru 2052/2021;

2. Tordna konsegwentament li jinħareġ l-opportun kontro-mandat u li jsiru n-notifiki skont il-liġi a spejjeż tas-soċjeta` intimata.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mis-soċjeta` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**